# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-għedewwa fil-ħtieġa, jagħmlu ħbieb** — In-naħa ta' fuq tal-art ta' Israel u n-naħa t'isfel tal-art tas-Surija, niżlu għadd kbir ta' ġiradi u bdew jieklu u jeqerdu kull xorta ta' uċuh tar-raba li jsibu quddiemhom. Il-Lhud telgħu bl-ajruplani jixħtu d-duwa kimka li toqtol il-ġiradi fuq ir-raba tagħhom u tas-Sirjani wkoll, u s-Sirjani telgħu wkoll b'ħamsin ajruplan jixħtu d-duwa fuq ir-raba tagħhom u fuq ir-raba tal-Lhud li hemm qrib. Għal hekk drabi saħansitra d-deni jġib il-ġid fid-dinja.

**Rabbi Lhudi ta' tmenin sena iżżewweġ xebba ta' tmintax** — Ir-Rabbi Moxe Toledano, il-Ministru tad-Djienijiet f'Israel, ftit xhur ilu żżewweġ xebba ta' tmintaxer sena. Din jisimha Mirjam Sabag, li m'ilhiex wisq li marret Israel mill-Marokk li kienet iżżewġet u r-raġel li kellha tellaqha sentejn ilu wara li kienu ilhom miżżewġin erba' xhur. Ir-Rabbi Toledano li ilu armel tliet xhur biss iżżewweġ lil din ix-xebba bil-moħbi. Ara kemm li anqas biss m'ssierha ma kien jaf li t-tieġ sar. Ir-Rabbi għandu erbat ulied mill-ewwel mara.

**Il-Ħtin tas-Subjien f'Israel** — F'raħal jismu Natanja hemm waħda mid-djar għat-tfal subjien li l-Lhud iġibu minn barra mill-Palestina biex irabbuhom. Uħud minn dawn is-subjien ikunu wlied ta' ommijiet Insara u ma jkunux maħtunin. Għal hekk ftit ilu ir-Rabbi Moxe Halsberg għamel kemm felaħ u seħħlu li jinħatnu tmenin minnhom. Biex isir dan li-Lhud qabbdu lit-tfal l-oħra Lhud li jgħajjru lil dawk li ma kienux maħtuna "Gojjim" jiġifieri *Pagani*, hekk xi uħud biex jeħelsu minn dak it-tgħajjir talbu huma minn rajhom li jkunu maħtuna. Ħames subjien li b'ebda xejn ma riedu jinħatnu, kienu mkeċċija minn dik id-dar. Għadd ta' gazzetti Lhud f'Israel maqdru bis-sħiħ dan il-għemil tal-Lhud l-oħra sħabhom, u qalu li ħwejjeġ bħal dawn ma għandhomx isiru bir-rassa; il-ħwejjeġ li jmissu d-djiena għandhom isiru mir-raj biex jogħġbu 'l Alla. Qalu wkoll li bħal issa għajnejn in-nies qegħdin kollha fuq il-poplu Lhudi u ġrajjiet bħal dawn jġiegħlu li l-Lhud ta' Israel jieħdu fama ħażina fil-pajjiżi tal-Ewropa, ħaġa li xejn ma jaqbel li ssir, l-aktar bħal issa.

**Santwarju bla magħruf f'Nazaret**

Taħt il-mużajk tas-seklu IV, f'Nazaret insabet menqa b'konka f'qiegħha li milli jidher kienet magħduda bħala ħaġa mqaddsa qabel il-Bizantini, jiġifieri qisu minn żmien l-Appostli. Bħala tisħiħ ta' dan għadha tinsab il-kitba tal-ħabib ta' San Glormu il-Prefett tal-Pretorju, Flavius Lucius Dexter, li fil *Chronicon* għandu miktub li d-dar tal-Madonna kienet imbierka bħala Knisja-Sinagoga (għax l-Insara kienu għadhom iħarsu l-Liġi tal-Lhud) fis-sena 42, u fit-tberik tagħha kien hemm uħud mill-Appostli. Fil-menqa nsabu biċċiet tat-tikħil bil-kliem bil-Grieg: "Kyrie, eleison ton tapeinon soy.." u wara isem xi ħadd. Hemm ukoll maħżużin għadd ta' slaleb. Dan kollu jinsab fuq it-tikħil aħmar, isfar u aħdar u fuq it-tikħil l-ikħal ma hemmx. Jidher minn dan li dawn il-lewnijiet kienu fil-baxx u l-ikħal kien fil-għoli.

# REQUIESCANT IN PACE (*)

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MALTA

RABAT — Pawlu Bonello, Konċetta Bonello, Krezja Bonello, Wistin Agius, Vittorja Agius, Salvu Borg, Karmela Borg, Anna Psaila, Ġovanni Psaila, Ġużeppi Camilleri, Tereża Pisani, Karmelo Micallef, Franċisku Micallef, Ġuża Bezzina, Marija Tereża Saliba, Francesco De Gregorio, Antonio Vella, Dwardu Sammut, Pawlina Cordina, Salvu Cordina, Spiru Paris, Marija Mifsud, Karmela Mifsud, Franċisku Zammit, Pawla Zammit, Fortunato Farruġa, Dolores Cutajar, Ġużeppi Agius, Karmelo Cassar, Rosarja Carbonaro, Ġużeppi Carbonaro, Karmela Dimech, Nazzarenu Carbonaro, Mary Blackman, Rikardu Buhagiar, Franċisku Buhagiar, Antonio Vella, Marija Grech, Pawlina Preca, Karmela Mallia, Rosarja Preca, Fredu Barbara, Marija Barbara, Marija Micallef, Nikola Micallef, Karmela Cassar.

GŻIRA — Ġużeppi Grech, Saverja Grech, Carmela Caruana, Gabriele Azzopardi, Rosa Azzopardi, Antonio Galea, Virġinja Galea, Rożina Mangion, Franċisku Mangion, Krispina Saliba, Manwel Theuma, Karmelo Calleja, Ġużeppi Calleja, William Calleja, Charles Bonavia, Albertu Fabri Ġużeppi Fabri, Mary Sammut, Pawlina Mazzitelli, Margħerita Camilleri, Ġużeppi Borg, Pawlu Attard, Beatrice Attard, Remigjo Attard, Karmelo Attard, Stella Attard, Vinċenza Mizzi, Ġużeppi Mizzi, Oreste Ferrante Mary Dolores Ferrante, Edgar Ferrante, Ann Bezzina, Salvu Bezzina, Salvu Magri, Ġovanni Magri, Dwardu Magro, Klodilde Magro, Albert Duble Ġovanni Calleja, Marjanna Grima, Antonio Grima, Virġinja Pace, Ġovanni Pace, Duminku Catania, Ġużeppi Catania, Spiru Catania, Anna Catania, Indri Borg Lorenza Gatt, Karmela Gatt, Harry Gatt, Salvu Ferretti, Konċetta Ferretti. Ġovanna Barnacle, Thessie Cooper, Henry Cooper, Ġużeppi Vassallo, Rakela Vassallo, John Vassallo, Karmela Zammit, Marjanna Zammit, Pawlu Baldacchino.

VALLETTA — Kelina Camilleri Rożina Mizzi, Antonio Galea, Pawlina Enriques Gajtanu Enriques, Ġużeppi Borg, Veneranda Borg, Franċiska Mintoff, Salvu Azzopardi, Manwela Pace, Konċetta Pace, Konċetta Butigieg, Ġużeppi Butigieg, Raffele Simiana, Pawlina Simiana, Marija Stella Spiteri, Karmelo Fenech, John Sciberras, Karmela Sciberras, Ġuża Bajjada, Kristina Spiteri.

KALKARA — Anġlu Micallef, Ġakkina Kent, Lukrezja Felice Attard. Karmelo Pisani, Karmela Pisani, Ġovanni Pisani, Karmela Cauchi, Salvu Cauchi, Antonio Cauchi Manwel Cauchi, Anġelika Ventura, Mikiel Ventura.

ST. ĠILJAN — Karmela Camilleri, Xmuni Camilleri, Bella Pulis, Antonio Pulis, Marija Borg, Ġużeppa Schembri. Ġannikola Schembri, Karmelo Frinzo, Marija Frinzo, Karmela Sammut, Ġużeppi Sammut, Pawlu Sammut, Franċisku Mifsud, Konċetta Mifsud, Pawlu Mifsud.

ŻEJTUN — Żaren Camilleri, Salvu Camilleri, Marija Tabone, Gajtanu Tabone. Annunzjata Saliba, Ġużeppi Saliba, Karmela Desira, Marija Tereża Desira, Anġlu Xuereb, Mary Grima, Żarenu Grima Emmanuele Grima Ġużeppi Busuttil, Karmelo Busuttil, Spiru Busuttil, Ġammarija Spiteri, Karmelo Cassar, Karmelo Portelli, Margarita Zammit, Manwela Zammit Ġovanni Zammit, Konċetta Grech, Ġużeppa Dalmas, Spiru Dalmas, Katarina Vella. Karolina Vella, Vinċenzo Vella, Antonio Vella. Karmen Vella, Franċisku Galea, Evanġelista Galea, Ġużeppa Galea, Don Salv Galea, MONS. Tarċizjo Catania, Tereża Sciberras, Karmela Attard, Orazjo Attard, Gajtanu Attard, Lorenzo Attard, Salvu Attard, Ġużeppa Magri, Salvu Magri, Karmela Mifsud, Evanġelista Cassar, Franz Cassar, Girolamo Galea, Marija Galea John Galea, Katerina Azzopardi. Mikiel Azzopardi, Filomena Camilleri Karmelo Gerada, Franċisku Busuttil, Ġustino Busuttil, Ġużeppi Busuttil, Marija Mercieca,, Karmelo Mercieca.

NAXXAR — Mose Attard.

LUQA — Mose Camilleri, Indri Camilleri.

ŻURRIEQ — Pawlu Crixti, Annie Crixti, Marjana Buġeja, Ġavanni Buġeja Magri, Karmelo Camilleri, Karmela Caruana, Marija Camilleri, Consilia Camilleri, Salvina Camilleri, Saverja Camilleri, Antonio Camilleri, Salvu Mifsud, Grazja Mifsud, Anġla u Karmelo Farrugia, Marija Cachia, Ġovanni u Anna Farrugia, Karmelo Buġeja, Anġlu u Karmela Tonna, Katerina Buġeja, Salvu u Karmela Darmanin, Karmela Cachia, Feliċ Camilleri, Katerina Callus u Ġovanna Gauċi Ġużeppi u Marija Bezzina u Karmela Bezzina, Karmelo u Marija Farrugia u Ġużeppa Coleiro, Antonio Mikelina u Katerina Grixti, Marija u Lwiġi Bondin, Dalli u Agostino Gatt, Pawlu u Karmela Dalli, Mary Dalli, Rokku u Karmela Zammit, Suor Adeodata Zammit, Ġio. Marija Sammut, Tereża Sammut, Emmanwel Imbroll, Ġovanni u Silvja Bilocca, Katerina Cachia, Anġlu u M. Anna Tanti, Franċisku Coleiro, Karmelo u Anna Mamo, Anna Mangion, Karmelo u Indri Caruana, Pawlu Thewma, Anġlu u Katerina Mangion, Marija Mangion, Ġużeppi Hili, Duminku Mangion, Gejtana Cassar, Ġużeppi Hili, Elena Hili, Ġużeppa Hili, Katerina Caruana, Rosa Mangion, Ġużeppi Mangion.

FURJANA — Carmela Ellul.

HAMRUN — Miss Radmilli, Lwiġi Farrugia.

MELLIEĦA — John Mary Fenech, Victoria Fenech, Vincent Fenech, Veneranda Fenech, Carmen Tabone.

GĦAWDEX

TRIQ IL-GĦAJN — Dolores Borg, Grezju Sciberras, Anġla Cauchi, Marija Cauchi, Marija Galea, Salvu Galea, Antonio Saliba, Ġorġ Saliba. Franz Saliba.

GĦARB — Lwiġi Grech.

XGĦARA — Vittorja Sacco, Ġovanna Sacco Karmelo Thewma, Ġużeppi Galea, Wistin Galea, Cristina Hili.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*

(*) Il-bqija tal-ismijiet tal-Mejtin inġibuhom f'ħarġa oħra; imma s-sufraġji għar-ruħhom fl-Imkejjen Mqaddsa ta' Ġerusalem, isiru xorta waħda.